Wieħed mid-dokumenti li għedna, hi talba bit-Taljan, li għamlet Kumpannija ta' l-opri fil-waqt li l-grazzja li ta l-Gran Mastru hi bil-Latin. It-talba tgħid:—

"Giacomo Galeazzi e Compagni Comici, Servi Umilissimi dell'A.V.S., espongonò riverentemente come un mese fà, mercè la grazzia di V.A.S., si portarono in questo Suo Dominio, a fine di rappresentare nel Teatro del suo Corpo di Guardia le loro opere per divertimento di suo pubblico, e desiderando principiare dette loro opere per poter havere quegli emolumenti che sono necessari per il mantenimento della loro compagnia pur anche numerose, non potendo più soffrire le spese, che furono sin al presente costretti a fare, e però supplicando V.A.S. perchè si compiacesse concederli la licenza di poter principiare a rappresentare dette loro opere, e della gratia, ecc.

"Oratoribus supplicate concedimus exceptis diebus Veneris, et sub conditione quod representationes persolvanto ante solitem Signum Salutationis Angelicum. 20 Nov. 1706".

Fl-Arkivju tal-Qorti hemm ħafna bħal dan id-dokument li aħna konna ġibna, sew ta' snin qablu u kemm ta' warajh. Qabel il-gwerra konna qed infittxu f'dan l-Arkivju, u lħaqna indiċjajna kemm-il volum. Iżda l-gwerra gerfxitna għal kollox, billi l-Arkivju laħaq inġarr band'oħra.

---

## ĦDEJN IL-FONTANA

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Meta kont ċkejken, f'nofs il-ġnien ta' ħdejja
Kien hemm ftit siġar żgħar madwar fontana.
Kont nifraħ bl-ilma jogħla u fuq idejja
Nilqgħu bil-ferħ ma' ħbiebi t-tfal daħkana.

Iss'għadda ż-żmien: is-siġar kibru sewwa
U jferrħu lill-agħsafar qalb il-friegħi.
Għadha l-fontana wkoll tarmi bil-ħlewwa
Ir-raxx setgħan bħal fit-tfulija tiegħi.

Jien biss inħossni tlift il-ħeġġa kbira
U l-ferħ ibaqbaq f'demmi taċ-ċkunija.
Illum qed nara 'l ħajti wisq qasira;
U m'nn Alla hekk: min jiflaħ dit-tbatija?

Għad jiġi l-waqt—nistħajjel li jkun kmieni—
U jkun bħal dak iż-żmien, l-isbaħ ta' żmieni.



# Folklore Malti

*Ta'* A. CREMONA

**FDAL U QWIEL QODMA FIL-ĦRAFA TA' JANNAR, FRAR U MARZU**

GĦALKEMM bosta qwiel Maltin fil-Folklore tat-Temp u tal-Biedja jixbhu ħafna lil qwiel oħra fl-artijiet ta' l-ixtut tal-Mediterran Ewropew, l-iktar fi Sqallija, għad għandna xi qwiel li fadlilhom xi ħjiel ta' nisel Semitiku u li ġejjin minn xi ħrafa jew ħrejjef qodma li għadhom ma mitux jew li għadhom f'ħalq il-poplu bħala fdal ta' tradizzjoni leġġendarja qadima li mal-mogħdija taż-żmien tħalltet ma' oħrajn taż-Żmenijiet tan-Nofs.

Fil-qwiel Maltin, li jsemmu lix-xahar ta' Jannar bħala xahar l-iktar aħrax u qalil għall-bard li jagħmel, insibu mera tagħhom f'diversi qwiel fi Sqallija u fl-Italja u f'pajjiżi oħra ta' l-Ewropa. Il-vrejjes Maltin: *Jannar għalaq in-ngħaġ fil-għar*, fil-ħalq ta' xi ħadd tismagħhom hekk: *Jannar għarraq in-ngħaġ fil-għar*, vrejjes li fil-waqt li juru t-tempijiet qliel f'Jannar f'Malta juru wkoll rabta tradizzjonali f'xi ħrafa li għandha x'taqsam mal-ħajja tar-raħħala u tal-bdiewa f'dak ix-xahar (1).

Ir-rabta ta' dawn il-vrejjes hija, kif dlonk tidher, ma' ħrafa Maltija li nsibuha wkoll b'xi tibdil fix-xahar u fil-ġrajja f'xi pajjiżi oħra sew ta' l-inħawi ta' Nofs in-Nhar kemm ta' l-inħawi tat-Tramuntana ta' l-Ewropa. Għall-ewwel tidher li din il-ħrafa u sħabha huma ta' sensiela waħda, iżda xi ħrafa oħra ta' l-artijiet tal-Palestina, li għandha xebh magħhom, u l-iktar ma' xi qawl qadim tradizzjonali tagħna, turina li l-ħrafa Maltija għandha nisel wisq iżjed qadim u maż-żmien tħalltet ma' oħrajn fil-pajjiżi ta' l-Ewropa.

Il-vrejjes tal-ħrafa Maltija: "*Qożżot, qożżot għalik, Jannar, / Għaddejt bil-bard bla xita; / U ħallejtni bil-bard fil-għar*", ifakkruna fuq dak ir-raħħal li ħadha ma' Jannar u gemgem għaliex dan ix-xahar ma għamelx ħlief bard, u xita xejn, u minħabba f'hekk kellu jżomm il-merħla tiegħu ġewwa l-għar. Fuq hekk Jannar għadab u ssellef jumejn minn għand ħuh Frar, li kien

(1) Ara: *Weather and Husbandry Lore in the Isles of Malta*, A. Cremona, Archivum Melitense, Vol. VI, paġ. 16-17.